**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (6)

Fl-aħħar żewġ kitbiet dwar it-Tiġrija tal-Vitorja slitna xi partijiet mill- intervista twila li jien kont għamilt lil Karmenu Grech tal-Posta – qaddief leġġendarju Bormliż li ma' sieħbu Pietru Farrugia t-Tinet bejn l-1922 u l-1936 rebħu l-palju tad-dgħajjes tal-Pass b'żewġt Imqadef u waqfu rekord ta' 14-il sena.

Aktar 'il quddiem nerġgħu niltaqgħu ma' Karmnu f'kummenti oħra dwar it-tiġrijiet ta' wara l-gwerra.

Qabel inkompli nixtieq niċċara punt importanti fejn tidħol ir-riċerka. Karmnu jgħidilna li huwa u Pietru rebħu dan il-palju fl-1922, iżda uffiċjalment (skond ir-riżultati d-dwana) dan il-palju kien intrebaħ minn Marsamxett. Fortunatament għandna ritratt sabiħ li jurina lil Karmnu u Pietru jippożaw għar-ritratt wara r-rebħa tagħhom fl-1926 u fuq id-dgħajsa hemm miktub mill-1922-1926. Minkejja li għaddew 94 sena, issib min jistaqsi, realment min rebaħ dan il-palju - id-dgħajsa ta' Bormla daħlet l-ewwel u ġiet skalifikata jew kien żball tal-ġurija? Ma nafux! Minkejja l-kitba li tidher fuq id-dgħajsa 'Lady B', ir-riżultat uffiċjali qatt ma ġie rivedut mid-dwana u għalhekk jibqa' dak li hu. Sfortunatament id-deċiżjoni tal-ġurija f'kull Regatta hi waħda finali - hekk kienet fl-imgħoddi u hekk għadha llum.

Inkomplu b'silta minn intervista li kont għamilt lil Wenzu Galea (it-Takkaliti) mill-Birgu. Lil Wenzu niftakru anzjan sewwa, iżda minkejja l-età tiegħu kellu memorja tajba. Wenzu qadef f'bosta opri Vittorjosani fir-Regatta Nazzjonali, iżda l-aktar korsa li kienet għal qalbu kienet dik tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa. F'din is-silta Wenzu jsemmi l-pika kbira li kienet teżisti bejn Bormla u l-Birgu proprju fil-korsa ta' bl-Erbgħa:

"... mill-bidu tas-seklu sas-snin tletin il-Birgu għamel snin jirbaħ il-korsa tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa u tal-Midalji bid-dgħajjes 'Lorenza' u 'Santa Paċenzja' - tista' tgħid kien jiddomina dawn iż-żewġ korsi. Jien irbaħt ħames darbiet il-palju ta' bl-Erbgħa, iżda fl-1931 il-Bormliżi ma ħadux sehem f'ta' Bi Tnejn biex Pietru t-Tint u Karmnu tal-Posta jiffurmaw ekwipaġġ b'saħħtu biżżejjed biex jeħdulna dan il-palju. Fil-fatt f'dik is-sena aħna ma ħadniex sehem għax wieħed minn sħabna kien fis-sakra u b'hekk tlifna l-palju. Kien inqala' diżgwid kbir fost il-qaddiefa għax xi wħud minnhom sostnew li aħna stajna sibna qaddief ieħor minn fost il-barklori li kienu jieħdu sehem magħna.

"Sfortunatament dik is-sena tlifna l-palju ta' bl-erbgħa li konna ilna snin nirbħuh, iżda xorta waħda fraħna, għaliex erbaħna l-palju ta' bi Tnejn – palju li konna ilna snin kbar ma nirbħuh u miegħu il-palju tad-dgħajjes tal-Midalji. Dan il-palju ma damx wisq għand il-Bormliżi għax sena wara erġajna rbaħnieh mill-ġdid!

"Il-Birgu kien tajjeb ukoll fil-korsa tal-Kajjikki t-twal - forsi ma konniex tajbin daqs L-Isla jew daqs Bormla li jgħidu li rebħu dan il-palju tmien darbiet konsekuttivi bil-Kajjikk 'San Pietru', iżda l-Kajjikki tagħna ' San Lawrenz' u 'San Ġużepp' rebħu dan il-palju wkoll. Jingħad li l-Kajjikk ' San Lawrenz' għadu merfugħ f'xi maħżen fir-Rabat ..."

Lil Ġużeppi Galea (Ġuże t-Trux) sid il-Ferilla ta' Bajdun minn Birkirkara ltqajt miegħu l-Imsida. Xi ħadd kien qalli li Gużeppi qabel il-gwerra kellu Ferilla tajba u li kienet iġerri f'isem Marsamxett u qalli wkoll fejn stajt insibu. Fil-fatt lil Gużeppi, anzjan, sibtu bilqiegħda fuq banketta maġenb il-maħżen tiegħu qrib l-Għajn tal-Hasselin. Staqsejtu dwar ir-Regatta ta' żogħżitu u qalli hekk:

"... jien qatt ma kont xi qaddief imsemmi bħal ħafna oħrajn li għamlu isem lil Marsamxett, fosthom Toni Saliba (il-Kejli) u ħuh Karmnu (il-Krajm) iżda sehmi tajtu wkoll. Tfuliti għaddejtha hawn l-Imsida u konna mġienen għat-tiġrijiet tad-dgħajjes.

"F'dak iż-żmien kienu jsiru ħafna tiġrijiet f'dan il-port, u fihom kienu jieħdu sehem opri reġistrati f'dan il-port, għalkemm niftakar b'oħrajn mill-Marsa li ġieli ħadu sehem ukoll. Niftakar ukoll li qabel il-gwerra kien hawn numru sabiħ ta' dilettanti li xtaqu li fil-Port ta' Marsamxett tibda ssir tiġrija tad-dgħajjes bħal dik tal-Vitorja, iżda għalkemm ppruvaw kemm-il darba biex jorganizzaw waħda fuq skala akbar minn dawk parrokkjali, u saħansitra sibna ukoll min jgħina b'għoti ta' flus, b'danakollu qatt ma rnexxielna. Ħaġa tal-iskantament, port kbir mimli barklori, b'ħafna minnhom jimpikaw bejniethom biex jieħdu sehem



Dehra tal-kanal tradizzjonali waqt tigrija tal-Ferilli fis-snin 20

fit-tiġrijiet li kienu jorganizzaw hawnhekk, imbagħad ma konniex kapaċi norganizzaw tiġrija tad-dgħajjes li tibqa' ssir ta' kull sena bħal dik tal-Vitorja.

"Wara l-gwerra, it-tiġrijiet waqfu u għalhekk ħassejna li issa kien wasal iż-żmien opportun li norganizzaw tiġrija, peress li d-dilettanti taż-żewġ portijiet kienu mdejqin u ħassewha wisq in-nuqqas ta' din it-tradizzjoni. Kien ċertu Mercieca u xi dilettanti Beltin li kienu organizzaw tiġrija tad-dgħajjes f'nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu u għaliha kienu attendew ħafna nies u ħadu sehem fiha opri minn Marsamxett u l-Marsa. Iżda din it-tiġrija saret darba biss, għax hekk kif ħarġet l-aħbar li l-Kollettur tad-Dwana kien beħsiebu jorganizza mill-ġdid it-Tiġrija tal-Vitorja, kulħadd beda jipprepara bis-sħiħ għaliha u tal-Karmnu ma saritx aktar."

Jiem wara ltqajt ma' Leli Cremona, anzjan ieħor mill-Belt. Tkellimna fuq Marsamxett u s'intendi fuq it-tiġrijiet tad-dgħajjes: Staqsejtu:

X'tiftakar dwar it-tiġrijiet ta' żgħożitek:

" ..... kif diġà għidtlek, fi tfuliti, Marsamxett kien jiddomina dawn it-tiġrijiet tista' tgħid f'kull korsa.

"Nismagħhom jgħidu li bejn l-1890 u sal-ewwel gwerra dinjija Marsamxett kien rebaħ għadd kbir ta' tiġrijiet li r-riżultati tagħhom qatt ma ġew irrekordjati. Inutli li xi wħud mill-avversarji tagħna jippruvaw itappnu dan is-suċċess Belti billi jsemmu dejjem il-pika u r-rivalità li kienet teżisti bejn Marsamxett u l-Isla fil-korsa tal-Ferilli, u l-glied li kien jinqala' fost il-qaddiefa u l-partitarji taż-żewġ distretti għax dik hi parti mill-istorja ta' dan l-isport tradizzjonali tal-port.

"Għalija, il-korsa tal-Ferilli kienet l-isbaħ korsa li kienet issir qabel il-gwerra u l-aktar waħda popolari fost l-ispettaturi ta' dak iż-żmien. Kien fiha spettaklu kbir kemm minħabba r-rivalità u l-pika fost il-qaddiefa kif ukoll bl-atmosfera fil-kanal matul l-andament tagħha. Min ma kienx jieħu sehem fiha dejjem ipprova jtappan is-sabiħ tagħha, iżda wara l-gwerra din it-tiġrija ma baqgħetx popolari.

"Ix-xjuħ tagħna jiftakru tajjeb it-tiġrija ta' l-Imħatra li saret mal-Bormliżi fuq id-dgħajjes tal-Midalji.

"Nisimgħhom jgħidu li din il-korsa tant kienet għal qalb il-Bormliżi li meta fl-1907 id-dgħajsa tagħhom daħlet ras imb'ras ma' tagħna u l-palju ngħata lilna, kien inqala' ħafna glied id-dwana fost il-partitarji taż-żewġ naħat. Ftit jiem wara, xi negozjanti miż-żewġ naħat iltaqgħu ħdejn is-suq tal-belt u għamlu mħatra li jġerru liż-żewġ dgħajjes f'tiġrija oħra. Jgħidu li għall-ewwel, il-Bormliżi xtaqu li t-tiġrija ssir fil-Port il-Kbir, iżda peress li l-port kien ikun mimli bastimenti tal-gwerra ma ngħatax permess u minflok saret fil-Port ta' Marsamxett.

"Kien żmien meta Marsamxett kien armat tajjeb fid-dgħajjes ta' bl-Erbgħa, f'tal-Midalji u qawwi ħafna fil-Ferilli. Il-glied li kien jinqala' f'kull korsa ġieli kien iwerwer lil ħafna nies li kienu jinżlu x-xatt tal-Belt, iżda l-pulizija ġieli daħlu fuqna għalxejn.

"Ċilna jgħajruna li konna nkunu aħna li nibdew il-glied! Jakkużawna li meta konna naraw id-dgħajjes tagħna jaqtgħu lura konna nidħlu fil-kanal u nostakolaw lid-dgħajjes l-oħra bit-tfigħ tal-fliexken jew parati, iżda naċċertak li kemm tal-Isla kif ukoll ta' Bormla kellhom ħafna nies tal-glied u l-pjaċir tagħhom kien li jaqilgħu l-inkwiet.

"Illum jien xjaħt u saqajja m'għadhomx jippermettuli ninżel nara t-tiġrija. Illum it-tiġrija ħadet daqqa lura u żgur li m'għadhiex popolari bħalma kienet fl-imgħoddi. Qed ngħid hekk, mhux għax id-distrett ta' Marsamxett illum m'għadux tajjeb daqs kemm kien fl-imgħoddi, iżda għax illum teżisti apatija kbira fost id-dilettanti ta' kull distrett minħabba ħafna raġunijiet - fosthom in-nuqqas ta' qaddiefa mil-lokal u t-taħlit ma' qaddiefa oħra minn distretti oħra. Dari, il-qaddiefa ta' Marsamxett kollha kienu barklori mill-Port ta' Marsamxett, u meta qaddief jiżżewweġ u jmur joqgħod fil-Kottonera kien jitlef id-dritt li jaqdef magħna.

"Veru li llum il-premjijiet ta' flus huma aħjar, iżda l-qaddiefa tal-lum iridu aktar! Kif taf int, illum id-distrett ta' Bormla jiddomina dawn it-tiġrijiet u naħseb li ħadd m'hu se jwaqqafhom. Lil sħabi, xjuħ bħali li kultant jiġu jarawni, jgħiduli li llum f'Marsamxett bilkemm isib qaddiefa biex jieħdu sehem. Mhix ħasra, li distrett bħal Belt ma jsibx grupp ta' żgħażagħ biex jimla l-opri tiegħu!

"Nismagħhom jgħidu li l-Kalkara jieħdu sehem sempliċiment biex jonoraw l-impenn tagħhom. Il-kumitat tal-Marsa għandu problemi kbar mal-qaddiefa, waqt li l-Isla għandha qaddiefa bla esperjenza.

"Il-Birgu armati tajjeb, u dejjem kif jgħidu, hu l-uniku distrett li jista' tabilħaqq jagħti sfida lil ta' Bormla. Naħseb li ż-żmien huwa kontra tagħna u jiddispjaċini ngħid li din it-tradizzjoni qed titlef il-preġju tagħha .."

*tkompli f'ħarġa oħra*